

Brussell, 25 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12229/25

ENER 408
CLIMA 311
CONSOM 157
TRANS 339
AGRI 387
IND 314
ENV 772
FORETS 58
DELECT 117

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5117 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'29.7.2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2202 billi jaġġorna l-lista tal-proġetti transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5117 final.

Mehmuż: C(2025) 5117 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2025
C(2025) 5117 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 29.7.2025

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2202 billi jaġġorna l-lista tal-proġetti
transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jaġġorna l-lista tal-proġetti transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli).

Il-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista. Huma inklużi fi ftehim ta' kooperazzjoni jew f'xi tip ta' arranġament ieħor bejn żewġ Stati Membri jew aktar, jew arranġamenti bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

L-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta att delegat li jistabbilixxi u jaġġorna lista tal-proġetti transfruntiera magħżula tal-enerġija rinnovabbli. Il-lista hija bbażata fuq l-abbozz tal-lista maqbula mill-grupp għall-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli msemmija fl-Anness, il-Parti IV, il-punt 4(b), tar-Regolament (UE) 2021/1153.

L-ewwel lista ġiet adottata permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2202 tad-29 ta' Awwissu 2022. Sussegwentement, ġiet emendata bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2639 tad-19 ta' Settembru 2023 u bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2613 tal-24 ta' Lulju 2024.

Fid-dawl tar-raba' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli, huwa meħtieġ li l-lista tiġi aġġornata.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti, stabbilit bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342 tal-21 ta' Diċembru 2021, dwar it-tnejja u t-tfassil tal-att delegat li jissupplimenta l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fir-rigward tal-kriterji tal-identifikazzjoni u l-proċess tal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli ġie kkonsultat dwar dan ir-Regolament Delegat fl-1 ta' April 2025. Il-Grupp ta' Esperti qabel dwar abbozz ta' lista tal-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli, abbażi tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni. Il-lista finali tal-proġetti, stabbilita b'dan ir-Regolament Delegat, ma tvarjax mil-lista maqbula mill-Grupp ta' Esperti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat iżid ħames proġetti transfruntiera ġodda tal-enerġija rinnovabbli mal-lista ta' proġetti transfruntiera magħżula, li jikkonformaw mal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1153 u mal-kriterji speċifiċi tal-għażla u d-dettalji tal-proċess tal-għażla stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342². Il-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli inkwistjoni jikkontribwixxu biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 7 u fl-Anness, il-Parti IV, il-punt 1, tar-Regolament (UE) 2021/1153.

¹ ĠU L 249/38, 14.7.2021. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>

² ĠU L 62/1, 1.3.2022. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/342/oj

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'29.7.2025

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2202 billi jaġġorna l-lista tal-proġetti transfruntiera magħżula fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014³, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/1153 jistabbilixxi kategorija ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, għat-tlestija tas-suq intern tal-enerġija u għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2021/1153, daww il-proġetti transfruntiera jiġu stabbiliti bi ftehim ta' kooperazzjoni bejn żewġ Stati Membri jew aktar, jew bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar, kif stabbilit fl-Artikoli 8, 9, 11 u 13 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (2) L-għażla tal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli hija soġġetta għall-kriterji ġenerali u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1153 u għall-kriterji speċifiċi tal-għażla u dettalji tal-proċess tal-għażla ulterjuri stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342⁵.
- (3) Il-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jintgħażlu u jiġu inklużi f'lista mfassla apposta permezz ta' atti delegati.
- (4) L-inklużjoni tal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli fil-lista taġmilmhom eliġibbli biex japplikaw għall-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa⁶.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249/38, 14.7.2021, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>)

⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj>).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji speċifiċi tal-għażla u d-dettalji tal-proċess għall-għażla ta' proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (ĠU L 62, 1.3.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/342/oj)

⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1153/oj>).

- (5) Wara sejħa għal proposti ppubblikata fit-3 ta' Settembru 2024 u li għalqet fis-7 ta' Jannar 2025, intgħażlu ħames proġetti transfruntiera ġodda tal-enerġija rinnovabbli. Il-proġetti magħżula ġew ivvalutati minn esperti esterni u minn esperti mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent u mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-isfruttament kosteffettiv tal-enerġija rinnovabbli u l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' teknoloġiji differenti tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-enerġija eolika lil hinn mill-kosta u fuq l-art.
- (6) Il-Kummissjoni nnotifikat ir-riżultati tal-valutazzjoni relatati mal-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli ġodda magħżula lill-Grupp ta' Esperti stabbilit bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/342 tal-21 ta' Diċembru 2021, l-att delegat li jissupplimenta l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fir-rigward tal-kriterji tal-identifikazzjoni u l-proċess għall-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Wara l-ftehim tal-grupp għall-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli msemmija fl-Anness, il-Parti IV, il-punt 4 (b), tar-Regolament (UE) 2021/1153, il-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli ġodda magħżula jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista.
- (7) L-inklużjoni tal-proġetti fil-lista tal-proġetti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli hija soġġetta għall-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni, inkluż mal-eżitu tal-valutazzjoni ambjentali u l-proċeduri tal-permessi rilevanti.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/2202 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2202 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 1

Il-lista tal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija magħżula skont il-Parti IV, il-punt 4(g) tal-Anness tar-Regolament (UE) 2021/1153 għandha tkun kif ġej:

Numru tal-proġett	Isem il-proġett	Żviluppaturi tal-proġett	Pajjiżi parteċipanti
2022-05	ELWIND – Proġett ibridu konġunt bejn l-Estonja u l-Latvja għall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta	Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Komunikazzjoni tal-Estonja; il-Ministeru għall-Ekonomija tar-Repubblika tal-Latvja	L-Estonja u l-Latvja
2022-07	CICERONE-CEO – Alleanza għal katina tal-valur Ewropea u transfruntiera tal-idroġenu ekoloġiku	EON.SE; IBERDROLA CLIENTES S.A.U.	Il-Ġermanja, Spanja u n-Netherlands
2022-10	UNITED HEAT – Tisħin	Stadtwerke Görlitz	Il-Ġermanja u l-

	distrettwali newtrali għall-klima fil-belt Ewropea ta' Goerlitz Zgorzelec –	AG; SEC Zgorzelec Sp. z o.o.	Polonja
2023-2	ULP-RES WP – Il-park eoliku ta' Utilitas Lode-Penuja RES	Utilitas Wind SIA; Utilitas Wind OÜ	Il-Latvja u l-Estonja
2023-3	SLOWP – Il-park eoliku lil hinn mill-kosta ta' Saare-Liivi	Utilitas Wind OÜ	Il-Lussemburgu u l-Estonja
2023-6	TMNHSA – Assemblaġġ tal-Istrutturi Idrawliċi ta' Turnu Magurele – Nikopol	Natsionalna Elektrieska Kompania EAD; S.P.E.E.H. HIDROELECTRICA S.A.	Il-Bulgarija u r-Rumanija
2023-7	BEI – Il-gżira tal-enerġija ta' Bornholm	Il-Ministeru għall-Klima, l-Enerġija u l-Utilitajiet	Id-Danimarka u l-Ġermanja
2023-9	PONTIS – Progress fir-rigward tat-trasferiment tal-enerġija rinnovabbli għall-provvista internazzjonali f'Ewropa konnessa	Iberdrola Clientes SAU; Mitsubishi Corporation	Spanja u n-Netherlands
2024-1	CORES – Studji Komprensivi dwar il-Potenzjal tal-Enerġija Rinnovabbli lil hinn mill-Kosta	DGEG – Direção Geral de Energia e Geologia	Il-Portugall u l-Lussemburgu
2024-2	Ġenerazzjoni Rinnovabbli Medlink – MedGen	Zhero Europe B.V: Entità legali privata fi Stat Membru (NL – koordinatur) Medlinks Algeria B.V.: Entità legali privata fi Stat Membru (NL – promotur) Medlinks Tunisia B.V: Entità legali privata fi Stat Membru (NL – promotur)	L-Italja, l-Alġerija u t-Tuneżija

2024-3	Il-park eoliku ta' Utilitas Eleja-Joniski – UELJO WP	Utilitas Wind SIA; Utilitas Wind UAB	Il-Latvja u l-Litwanja
2024-4	Il-park eoliku lil hinn mill-kosta ta' LiiviBay	Enefit Green AS	L-Estonja u l-Latvja
2024-6	Trasformazzjoni ekoloġika tat-tisħin distrettwali fil-bliet ġemellati ta' Słubice u Frankfurt (Oder) – Twin Heat	SEC Region Sp. z o.o u Stadtwerke Frankfurt (Oder) GmbH	Il-Polonja u l-Ġermanja

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29.7.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN